## KUNTRASTI

*Is-sejħa għalija*
*titkebbes ġo fija*
*wisq iktar qawwija*
*x'ħin frugħa dinjija*
*bil-qrusa mimlija*
*taħbat tagħmel bija.*

*Għaliex mhux għalija*
*dak li jgħodd għal ħija,*
*dak li jgħaxxaq mija,*
*jew jekk mhux thennija*
*talanqas tnessija;*
*għaliex le għalija?*

*Jekk din mhix twissija*
*lil qalbi żonqrija*
*biex tinża' l-kburija,*
*tas-sema turija*
*l-Imħabba fejn hija:*
*— Jeħtieġ tinbet fija —*

12.ix.64 VANNI SANT

## LILL-POETA GIACOMO LEOPARDI . . .

*Poeta, inħobbok,*
*għax kiebi:*
*naf, ma jaqblux ma' ħsiebi*
*id-dmugħ imnikkta*
*ta' Qtiegħ il-jies u id-diq*
*għammieq*
*ta' qalb bla tama . . .*
*Inħobbok għax għannejt,*
*o Leopardi,*
*għannejt tal-masġar,*
*u ta' l-għoljiet ħadrana,*
*tax-xmajjar u il-widien*
*il-ġmiel u l-isbuħija,*
*għannejt bid-dmugħ*
*tar-ruħ,*
*f' baħar malinkunija . . .*

*Għaliex, Poeta,*
*rajt il-ħolqien*
*ma rajtx Min ħalaq ġmielu?*
*Għajnejk bid-dmugħ mgħottija*
*wara l-kwiekeb moħbija*
*id-debra t' Alla*
*ma rawx, Poeta? . . .*
*Poeta, istrieħ,*
*jien nemmen*
*f' dal kliem ħanin, sabiħ:*
*"Hieni, hieni min jibki",*
*Naħseb li hu għalik . . .*

Ramle — Israel, 6.1964 P. ĠUSÈ CREMONA O.F.M.